31994R0501

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (EURATOM) Nru 501/94
tat-2 ta' Marzu 1994
dwar il-konklużjoni mill-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika tal-Protokoll ta' l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim li jistabbilixxi Ċentru Internazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija

IL-KUMMISJONI TA' KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 101(2) miġjub fih,

Billi l-Protokoll dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim li jistabbilixxi Ċentru Internazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija ġie ffirmat fis-27 ta' Diċembru 1993; billi bid-Deċiżjoni tal-21 ta' Frar 1994, il-Kunsill approva l-Protokoll imsemmi għall-iskop ta' konklużjoni mill-Kummissjoni f' isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika;

Billi l-Protokoll għandu jiġi konkluż f'isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Protokoll dwar l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim li jistabbilixxi Ċentru Internazzjonali tax-Xjenza u t-Teknoloġija huwa hawnhekk approvat f' isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika.

It-test ta' dan il-Protokoll huma mehmuż ma' dan ir-Regolament [1].

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu, f'isem il-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika, jagħti in-notifika pprovduta fl-Artikolu I tal-Protokoll.

Artikolu 3

L-Artikoli 3 u 4 tar-Regolament tal-Kummissjoni (Euratom) Nru 3956/92 [2] għandhom japplikaw.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jkun jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-2 ta' Marzu 1994.

Għall-Kummissjoni

Jacques DELORS

Il-President

[1] Ara paġna 2 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.
[2] ĠU L 409, tal-31.12.1992, p. 10.